uhm

VOICE OF THE WORKERS



# Il-Vuċi tagħna u ta' Uliedna

Proposti għall-Manifest Elettorali
Elezzjoni Ġenerali 2017

# Daħla

Pajjiż li jaspira li jkun suċċess irid iħares lil hinn minn politika ta' ħames snin. Politika responsabbli trid tħares kemm lejn illum, kif ukoll lejn il-futur. Politika li minnha mhux biss ingawdu aħna, imma jgawdu wkoll uliedna. Huwa għalhekk li l-UĦM – Voice of the Workers tħaddan politika li tħares fil-bogħod. Huwa f'dan l-ispirtu li qed nippreżentaw numru ta' proposti li nemmnu li jistgħu jkunu ta' fejda għal pajjiżna.

Il-proposti li qed tressaq il-UĦM – Voice of the Workers għall-Elezzjoni Ġenerali 2017 jistgħu jgħinu ħafna biex ikollna pajjiż iktar ġust, b'saħħtu, ippreparat għall-isfidi, kif ukoll li jkun lest li jiddiskuti u jargumenta fuq bażi tajba ta' riċerka. B'ħidma ffukata u bi ħsieb innovattiv, nistgħu nibnu pajjiż li, imsejjes fuq governanza tajba, ikun ta' ġid għal kulħadd.

**Josef Vella**

**Kap Eżekuttiv**
**UHM Voice of the Workers**

# Ħaddiema mħarrġa għal xogħol li jrendi

Biex jirrispondu għall-isfidi fis-suq tax-xogħol, il-ħaddiema jridu jkunu mħarrġa b'mod kontinwu. Biex it-taħriġ ikun effettiv, irid ikun hemm inċentivi effettivi, kemm għall-ħaddiema, kif ukoll għal min iħaddimhom.

L-iskemi eżistenti, imħallsa mill-Unjoni Ewropea, ma jkoprux taħriġ f'setturi importanti tal-ekonomija, u lanqas ma jkopru aspetti importanti bħas-saħħa u s-sigurtà, continuous professional development u oħrajn.



**Nipproponu li tinħoloq skema li tkun imħallsa mill-gvern, li tindirizza dawn il-lakuni fit-taħriġ. Dan jista' jsir permezz ta' framework agreement mal-operaturi tat-taħriġ.**



# *Lunches* b'xejn għat-tfal fl-iskejjel kollha

## Is-sitwazzjoni llum

Ħafna familji li jkollhom tfal tal-iskola jaħlu ħafna ħin fil-preparazzjoni tal-lunches għat-tfal tagħhom. Ħafna drabi, lunch sustanzjuż irid il-ħin, u jinvolvi ħsieb u spejjeż. Dan apparti l-fatt li dan il-lunch jispiċċa fil-boroż jew fil-kaxxi, u jiġi kkunsmat sigħat wara li jkun ippreparat. Hemm ukoll il-problema li minħabba kwistjonijiet ta' konvenjenza, ħafna tfal jikkonsmaw ikel li jikkontribwixxi għall-obeżità.

Hemm ukoll l-aspett soċjali. Ħafna għalliema jinnutaw tfal li lanqas lunch ma jkollhom, u li ġieli jkollhom jipprovdulhom wieħed huma stess.

L-ispejjeż tal-obeżità huma kbar ħafna. Fil-fatt, l-ispiża tal-obeżità hija ta' 35.6 miljun Ewro fis-sena. It-tfal huma l-aktar milquta. 70% tat-tfal tal-iskola ta' 11-il sena huma obeżi jew kważi.

## Vantaġġi Prinċipali tal-Miżura

- Ikel sustanzjuż, ta' kwalità
- Inqas ġenn filgħodu għall-preparazzjoni qabel l-iskola
- Żvilupp ta' industrija ġdida b'ruħ soċjali
- Ċavetta fil-ġlieda kontra l-obeżità fit-tfal
- Rwol akbar lill-canteens tal-iskola
- Edukazzjoni lil uliedna kif jieklu għal saħħithom.

## Vantaġġi oħra

- Ħolqien ta' aktar postijiet tax-xogħol
- Ninkoraġġixxu prodott lokali ta' kwalità
- Tassigura li kull tifel u tifla jkollu lunch xieraq. Hija miżura kontra l-faqar u favur l-ugwaljanza bejn it-tfal fl-iskola. Li ma niddiskriminawx ma' min għandu, u min m'għandux
- Tinkoraġġixxi l-involviment tal-komunità, inkluż familji u professjonisti fil-qasam tan-nutrizzjoni. Dan jista' jwassal għal ippjanar aħjar fl-ikliet ta' matul il-ġurnata.
- Tħalli iktar flus fil-bwiet tal-familji Maltin u Għawdxin.

## Il-Miżura f'figuri

- Investiment għal din il-miżura: 25 miljun Ewro fis-sena
- 'Il fuq minn 8 miljun lunch imwassla lit-tfal tal-iskola fis-sena
- 'Il fuq minn 2000 post tax-xogħol ġdid fl-oqsma tal-produzzjoni, trasport u tqassim.
- Jistgħu jiġu użati fondi tal-Unjoni Ewropea biex jiffinanzjaw l-investiment inizjali fl-iskejjel u l-promozzjoni ta' din il-miżura.
- Dan l-investiment min-naħa tal-gvern huwa kkalkulat li jiġġenera 15-il miljun Ewro fl-ekonomija.
- Dan apparti li jista' jnaqqas b'mod drastiku l-infieq tal-gvern fuq l-obeżità.

# L-Eżamijiet Qrib id-Dar Tagħna

## Is-sitwazzjoni preżenti

L-eżamijiet tal-livell Ordinarju u Avvanzat isiru fi ftit ċentri madwar Malta u Għawdex. Dan qed jikkawża:

- Konġestjoni kbira ta' traffiku qrib dawn iċ-ċentri;
- Inkwiet minn studenti u ġenituri li ma jaslux fil-ħin għall-eżami;
- Studenti li jispiċċaw imorru kmieni ħafna għall-eżamijiet;
- Skariġġ u ġiri żejjed bejn post u ieħor, xi drabi fl-istess ġurnata.

Is-swali tal-eżamijiet xi drabi ma jkunux adegwati. Per eżempju, ikun hemm siġġijiet u mwejjed żgħar, ma jkunx hemm ventilazzjoni adegwata, u jkunu soġġetti għal temperaturi sħan għax mhux biss m'humiex mgħammra b'arja kundizzjonata, imma lanqas ikollhom fann.

## Il-Proposta

Jiġu rranġati jew jinbnew swali fi skejjel biex jakkomodaw studenti mil-lokalità jew minn postijiet fil-viċin għall-eżamijiet. Matul is-sena, dawn is-swali, jistgħu jintużaw mill-iskola, mill-komunità, kif ukoll mill-NGOs.



## Vantaġġi tal-proposta

- Tonqos il-konġestjoni tat-traffiku
- Jonqos ħafna l-ġenn u l-ġiri bil-karozzi privati.
- Tagħti l-possibilità lill-istudenti li saħansitra jkunu jistgħu jmorru għall-eżami bil-mixi, peress li ċ-ċentru jkun viċin.
- Tonqos ħafna t-tensjoni ta' ħafna studenti u ġenituri li jibżgħu li ma jaslux għall-eżami fil-ħin.
- L-istudenti jkunu jistgħu jiffukaw iktar fuq l-eżamijiet, milli kif ser jaslu fiċ-ċentru.

Dawn is-swali għandhom ikunu mgħammra għal tal-apposta, ikollhom l-arja kundizzjonata, ikunu kompletament aċċessibbli, u jkunu mgħammra b'apparat awdjo-viżiv.

## Stima finanzjarja tal-miżura

Ġemgħa ta' 6000 student u 20 sala li tesa' 300 student fuq mejda u siġġu bi spazju ta' $11m^3$ b'budget ta' €50,000 il-waħda, dan il-proġett nazzjonali jiġi jiswa €1,000,000. Tali proġett jista' jiġi ko-finanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropeja permezz tal-ERDF.



# *Azzjoni issa: Il-pensjoni tat-tieni pilastru*





Li jkollok tliet pilastri għall-pensjonijiet huwa ħafna iktar effettiv għall-ħaddiem milli jkun hemm biss skema waħda ta' pensjoni provduta mill-istat.

Il-problema hi li f'Malta, filwaqt li jeżistu l-ewwel u t-tielet pilastru, it-tieni ma jeżistix.

L-ewwel pilastru huwa mgħaffeġ sew u m'għadux sostenibbli għall-ħaddiema li se joħorgu bil-pensoni fil-futur. M'hemmx fondi biżżejjed għal kulħadd.

Fil-passat, f'Malta, it-Tieni Pilastru kien jeżisti. Jekk verament irridu li t-tfal tagħna ma jispiċċawx bi problemi kbar meta jirtiraw, irridu naħsbu minn issa. Li nkunu bil-għaqal mhux biss jagħmel sens, imma huwa dover.

**Nipproponu li jsir aktar studju fuq l-effetti tal-introduzzjoni tat-tieni pilastru tal-pensjonijiet, kif ukoll issir diskussjoni miftuħa fuq il-livell tal-imsieħba soċjali fl-MCESD.**

# *Kull ħaddiem ikollu kuntratt tax-xogħol reġistrat*

## Is-Sitwazzjoni preżenti

Hawn ħafna ħaddiema li qed jaħdmu mingħajr kuntratt tax-xogħol. Dan jista' jwassal għal sfruttament jew għal xogħol prekarju. Min-naħa l-oħra, jeżistu sitwazzjonijiet fejn xi ħaddiema jkollhom kuntratti tax-xogħol li jistgħu saħansitra jkunu illegali. Apparti hekk, kemm ħaddiema, kif ukoll employers ħafna drabi jsibu diffikultà biex ifasslu kuntratt tax-xogħol, għax ma jeżistux kuntratti-mudell apposta għal dan il-għan.

## Il-proposta

Kull ħaddiem li jaħdem f'Malta, ikollu kuntratt tax-xogħol li jkun irreġistrat f'portal apposta.

## L-għanijiet tal-Portal

- Kull ħaddiem f'Malta jkollu kuntratt tax-xogħol miktub;
- Kull kuntratt ikun f'forma li tkun konformi mal-liġi;
- Il-forma tal-kuntratt tista' titniżżel bħala mudell mill-portal innifsu;
- Kull kuntratt ikollu fih id-drittijiet bażiċi kif stabbiliti fil-liġi Maltija tax-xogħol.



## Il-vantaġġi tal-Portal

- Nassiguraw il-prattika li kull ħaddiem li jidħol fis-suq tax-xogħol ikollu kuntratt bil-miktub.
- Jgħin biex jiġi eliminat kull forma ta' impjieg li huwa illegali, jew li jikkontribwixxi għal xogħol prekarju, bħal impjieg fuq kuntratt ta' self-employed.
- Tassigura li kull kuntratt ikun konformi mad-drittijiet bażiċi fil-liġi
- Fih innifsu, din il-miżura tista' telimina x-xogħol prekarju.

## Il-Portal

Dan il-portal ikun irid jinbena:

a. B'templates ta' kuntratti mudell li jistgħu jitniżżlu, bi spazji fejn wieħed jista' jdaħħal l-informazzzjoni u d-drittijiet, li, iżda, ma jħallux kundizzjonijiet li jkunu inferjuri għall-minimu garantit fil-liġi;
b. Il-Portal jiġi aġġornat skont tibdil li jsir fil-liġi Maltija;
c. Iservi ta' depożitorju fejn kull kuntratt jiġi reġistrat u mtella' fuq il-Portal.

Il-Portal ikun jista' jiġi użat kemm mill-ħaddiema, kif ukoll minn min iħaddem. Awtorijtajiet bħal Jobs Plus u d-Dipartiment tax-Xogħol u r-Relazzjonijiet Industrijali jkollhom aċċess għall-informazzjoni miġbura f'dan il-portal.

# Investiment ta’ fiduċja favur il-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa

Fil-qasam tas-saħħa, il-privatizzazzjoni qed twassal biex iċċedi istituzzjonijiet vitali tal-pajjiż lil organizzazzjonijiet kummerċjali barranin. Iktar milli nagħtu 50 miljun lil dawn l-operaturi, għandna l-opportunità li ninvestu fil-ħaddiema li joperaw is-servizz tas-saħħa fuq diversi livelli.  Dan jista’ jsir billi jinħolqu koperattivi tal-ħaddiema li joperaw servizzi professjonali, kif ukoll koperattivi tal-ħaddiema oħra fl-għoti ta' servizzi tas-saħħa lill-pazjenti. B’hekk, il-ġid maħluq imur direttament għand il-familji ta' dawn il-koperattivi. Dan huwa eżerċizzju b’saħħtu ta’ empowerment lill-ħaddiema kollha fil-qasam tas-saħħa.

Ħafna ħaddiema jispiċċaw dimotivati għax iħossu li ma jistgħux javvanzaw aktar fil-karriera tagħhom. Permezz ta’ sħubija f’koperattiva, dawn il-ħaddiema jistgħu javvanzaw kemm fil-karriera kif ukoll fil-ġid li jiġġeneraw permezz tax-xogħol tagħhom stess.



uhm

VOICE OF THE WORKERS